**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 04 ta' Mejju, 2016**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 60/2013 AF**

**Ben Ali Wahid Ben Hassine**

**vs**

**L-Onor. Prim Ministru u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ben Ali Wahid Ben Hassine li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-21 ta' Frar 1992 il-Qorti Kriminali sabet lill-esponenti hati ta' diversi akkuzi u ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru kif ukoll ghal hlas ta' nofs l-ispejjez tal-perizji involuti.

Fl-istess sentenza l-Onorabbli Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 493 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn irrakkomandat li l-perjodu minimu ta' inkarcerazzjoni ghandu jkun dak ta' tnejn u ghoxrin (22) sena. Tali rakkomandazzjoni giet moghtija b'ittra lill-esponenti u konsegwentement giet mizmuma mill-awtoritajiet tal-habs.

Tali awtoritajiet qeghdin jirrifjutaw li jirrilaxxaw din il-proprjetà tal-esponenti minghajr ebda raguni valida.

L-esponenti ilu inkarcerat minn Frar tal-1988. Dan ifisser illi sal-gurnata tal-lum l-esponenti ilu inkarcerat aktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena.

Sal-gurnata tal-lum l-esponenti qatt ma inghata xi tip ta' opportunità li jikseb il-libertà.

In-nuqqas ta' prospett ta' helsien imur kontra d-Drittijiet Umani u dan minhabba l-fatt illi tali inkarcerazzjoni tammonta ghal wahda inumana u dan hekk kif ritenut f'diversi okkazjonijiet mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan il-prospett ta' helsien irid ikun possibbli kemm *de jure* u kif ukoll *de facto*. Fuq dan il-punt din l-Onor. Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet Vinter and Others v. The United Kingdom taht il-paragrafu 119 tas-sentenza qalet hekk:

> *"For the foregoing reasons, the Court considers that, in the context of a life sentence, Article 3 must be interpreted as requiring reducibility of the sentence, in the sense of a review which allows the domestic authorities to consider whether any changes in the life prisoner are so significant, and such progress towards rehabilitation has been made in the course of the sentence, as to mean that continued detention can no longer be justified on legitimate penological grounds."*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza fuq citata irritjenit ukoll illi apparti li l-piena ta' ghomor il-habs trid tkun *de jure* u *de facto* riducibbli, l-Istat ghandu wkoll ikollu fis-sehh sistema ta' revizjoni ta' din is-sentenza. Din il-Qorti ta' Strassburgu irritjeniet that il-paragrafu 120 tas-sentenza illi:

> *"However the Court would emphasise that, having regard to the margin of appreciation which must be accorded to Contracting States in the matters of criminal justice and sentencing (see paragraphs 104 and 105 above), it is not its task to prescribe the form (executive or judicial) which*

*that review should take. For the same reason, it is not for the Court to determine when that review should take place. This being said, the Court would also to observe that the comparative and international law materials beofre it show clear support for the institution of a dedicated mechanism guaranteeing a review no later than twenty-five years after the imposition of a life sentence, with further periodic reviews thereafter (see paragraphs 117 amd 118 above)."*

Aktar minn hekk, f'din is-sentenza l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kompliet tishaq taht il-paragrafu 121 li:

*"It follows from this conclusion that, where domestic law does not provide for the possibility of such a review, a whole life sentence will not measure up to the standards of Article 3 of the Convention."*

L-esponenti ghandu jigi avzat b'tali revizjoni u bir-rekwiziti ghal helsien minn meta jibda jiskonta s-sentenza u dan hekk kif sahqet il-Qorti ta' Strassburgu fil-paragrafu 122 tas-sentenza fuq citata:

*"A whole life prisoner is entitled to know, at the outset of his sentence, what he must do to be considered for release and under what conditions, including when a review of his sentence will take place or may be sought. Consequently, where domestic law does not provide any mechanism or possibility for review of a whole life sentence, the incompatibility with Article 3 on the ground already arises at the moment of the imposition of the whole life sentence and not at a later stage of incarceration."*

L-esponenti ma ghandux possibilità ta' tnaqqis tal-piena kemm *de facto* u kemm *de jure*.

L-Istat Malti ma ghandux sistema ta' evalwazzjoni fejn persuna kkundannata ghal ghomorha l-habs jista' jkollha r-revizjoni tal-piena.

Wara dan iz-zmien kollu ta' inkarcerazzjoni, specjalment wara li t-tnejn u ghoxrin sena ta' inkarcerazzjoni li giet irrakomandata

mill-Qorti Kriminali taht l-artikolu 493 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza originali u wara l-hamsa u ghoxrin sena ta' inkarcerazzjoni rrakkomandata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gew maqbuza, l-inkarcerazzjoni tal-esponenti tista' tibqa ssehh biss fil-kaz illi huwa jibqa' kkonsidrat ta' periklu ghas-socjetà. Naturalment din l-evalwazzjoni trid issir minn xi tip ta' bord li huwa independenti u kompost minn esperti ghal dan il-ghan bhal per ezmepju l-Bord tal-Parole.

Illum il-gurnata wara aktar minn kwart ta' centinarju inkarcerat l-esponenti mhuwiex ta' theddida ghas-socjetà u b'hekk ghandu jinghata possibilità ta' helsien.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine" tal-21 ta' Frar 1992 tivvjola d-drittijiet fondamentali tieghu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u cioè d-dritt tal-helsien mit-tortura u trattament inuman ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

2. Tiddikjara li n-nuqqas ta' possibilità ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod ragonevoli tmur kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif inghad fit-talba precedenti.

3. Konsegwentement dina l-Onorabbli Qorti umilment tinsab mitluba tipprovdi rimedju.

Rat ir-risposta tal-intimati Prim Ministru u Avukat Ġenerali li in forza tagħha ġie eċċeppit illi:

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti qieghed jillamenta '*li s-sentenza moghtija fil-konfront tar-rikorrenti fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine" tal-21 ta' Frar 1992 tivvjola d-drittjiet*

*fundamentali tieghu senjatament l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali w cioè d-dritt tal-helsien mit-tortura u trattament inuman ghar-ragunijiet fuq imsemmija'.* Ir-rikorrenti qed jillamenta wkoll illi '*n-nuqqas ta' possibilità ta' revizjoni tas-sentenza tal-ghomor il-habs b'mod ragenevoli tmur kontra d-drittijiet fondamentali tal-bniedem kif inghad fit-talba precedenti'.*

L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi preliminarjament, il-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, il-fatt li permezz tas-sentenza tal-21 ta' Frar 1992 fl-ismijiet '*Ir-Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine'* giet inflitta fuq ir-rikorrenti sentenza ta' ghomor habs ma jfissirx li tali sentenza tivvjola d-drittjiet fundamentali sanciti permezz ta' l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan qalitu l-Grand Chamber fid-9 ta' Lulju 2013 fis-sentenza kwotata mir-rikorrenti ta' Vinter and Others v. the United Kingdom fejn gie osservat illi '*For the same reasons, Contracting States must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited by or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention (see Kafkaris, cited above, § 97). This is particularly so when such a sentence is not mandatory but is imposed by an independent judge after he or she has considered all the mitigating and aggravating factors which are present in any given case'.*

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt li r-rikorrenti qieghed jiskonta piena ta' ghomor prigunerija

minghajr il-possibilità ta' rilaxx ma jfissirx illi b'mod awtomatiku r-rikorrenti qed jigi assoggettat ghal tortura jew trattament inuman. Illi dan huwa principju generali stabbilit mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem illi effettivament johrog ukoll mis-sentenza li l-istess rikorrenti jaghmel riferenza ghaliha fir-rikors promotur. Illi s-sistema legali nostrana tipprovdi mekkanizmu li permezz tieghu sentenzi ta' ghomor habs jistghu jigu ridotti.

L-esponenti jissottomettu li l-piena ta' ghomor habs tigi nflitta f'dawk il-kazijiet fejn il-kwalità tar-reat jirrikjedi li s-socjetà tinghata messagg li dawn il-kwalità ta' reati ma jistghux jigu tollerati jew kondonati bl-ebda mod. Illi l-kaz tar-rikorrenti li ghalih inghata l-piena ta' ghomor habs kien kaz ta' qtil ta' erba' persuni li sar fuq medda ta' ftit granet, il-mod kif gew maqtula dawn il-persuni kienet mewta attroci u kiefra. In fatti, l-ewwel persuna li nqatlet inqatlet bi hruxija liema bhala u dan ghall-ammont mizeru ta' Lm47 (circa mitt Ewro). Illi t-tieni vittma giet ingannata mir-rikorrenti fejn sabiex il-vittma ma taghmilx rezistenza nghatat ikel u nqatlet b'tir f'rasha u l-kadavru ntefa' l-bahar b'mazra sabiex jittenta jiddisponi mill-istess kadavru u dan sabiex tigi misruza l-vittma li kull ma kellha flus fuqha kienu Lm33(circa sebghin Ewro). Illi t-tielet vittma tar-rikorrenti kien xufier tat-taxi li nqatel b'tir f'rasu, fejn ir-rikorrenti pprova jaqta' r-ras tal-vittma u meta ma rnexxilux kompletament farrak wicc il-vittma b'gebla sabiex ma tintarafx u fl-ahhar ghatta l-katavru bil-gebel u dan sabiex jisraq minn fuq il-vittma Lm 180 (circa erba' mitt Ewro). Illi r-raba' vittma kien ukoll xufier tat-taxi li nqatel b'tir f'rasu sabiex jinsteraq minn fuq il-persuna tieghu l-ammont ta' Lm 31 (circa sebghin Ewro). Illi dan il-qtil kien kexkex lil Malta tant hu hekk li n-nies kienu qed jibzghu johorgu minn darhom u li holoq paniku kbir fil-pubbliku in generali.

Illi huwa inawdit li l-istess rikorrenti wara li ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li nghata s-sentenza ta' ghomor habs jqajjem tali lanjanza u dan tenut ukoll l-insenjament tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li

l-istess rikorrenti jiccita fir-rikors promotur. L-esponenti jissottomettu li huwa obbligu tal-Istat liema obbligu jemana mill-Konvenzjoni li jorbot lill-Istati Kontraenti sabiex jadotta mizuri ghal ghan ahhari li jipprotegi lis-socjetà minn reati vjolenti aktar u aktar meta jkunu serjali. Illi fil-kaz odjern tenut kont tal-kwalita' tar-reati (omicidju volontraju ta' erba persuni f'temp ta' tmintax-il gurnata) kif ukoll peress li fil-kaz odjern hemm involut riskju kif ukoll il-periklu imminenti u reali lis-socjetà, isegwi ghalhekk li r-rikorrenti ma jistax jillamenta li huwa qed jigi assoggettat ghal trattament inuman jew tortura.

Illi s-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn ir-rikorrenti gie kkundannat ghal sentenza ta' ghomor habs thares il-bilanc bejn l-interessi nvoluti f'dan il-kaz u cioè l-interess tar-rikorrenti bhala persuna li qed tiskonta sentenza ta' prigunerija u dawk tas-socjeta'. Illi l-Qorti Ewropeja qatt ma kkonkludiet li Stati ghandhom jirrilaxxaw priguneri abbazi tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-esponenti jissottomettu li l-mod kif gew kommessi r-reati mir-rikorrenti u t-tip ta' reati kommessi juri r-riskju serju li r-rikorrenti huwa ghas-socjetà u l-pubbliku in generali.

L-esponenti jissottomettu illi skont il-gurisprudenza kopjuz tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem '*inhuman treatment covers at least such treatment as deliberately causes sever mental and physical suffering*[1]'. Fil-kaz Tekin vs. Turkey deciz fid-9 ta' Gunju 1998, gie osservat illi t-trattament jitqies inuman meta jkun mahsub minn qabel u ppremeditat biex jikkaguna '*intense physical and mental suffering'.*

L-esponenti jissottomettu ili ghar-rigward ta' trattament degradanti, dan jitqies li jirreferi ghal dak it-trattament li jgieghel lil dak li jkun ikisser ir-resistenza kemm fizika u morali tal-vittma jew li jgieghel lill-vittma li tagixxi kontra l-volontà taghha. Fil-kaz Ranninen v. Finland deciz mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Dicembru 1997 gie osservat illi '*in*

[1] Reid, A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights (2nd edition, pg. 522).

*considering whether a punishment or treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, regard should be had as to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a matter incompatible with Article 3'.*

Illi l-esponenti jissottomettu li l-lanjanzi mqajjma mir-rikorrenti ma jsibu l-ebda konfort kemm fil-ligi nostrana u lanqas fil-gurisprudenza tal-Qort Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Isegwi ghalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigi muchuda.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

5. Bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sotomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tiegħu fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine tal-21 ta' Frar 1992 kif ukoll in-nuqqas ta' possibiltà ta' reviżjoni ta' din is-sentenza li permezz tagħha r-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs jilledu d-drittijiet fondamentali tiegħu senjatament l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi preliminarjament l-intimati laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi eċċeppew illi l-intimat Prim Ministru m'huwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

Illi fir-rigward ta din l-eċċezzjoni preliminari l-Qorti tagħmel riferenza għall-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-liġi tipprovdi dwar min għandu jirrapreżenta lill-Gvern fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji. Imbagħad f'dawk l-atti u azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed minn dawn il-persuni, l-att jew azzjoni ġudizzjarja għandha tiġi diretta kontra l-Avukat Ġenerali.

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati, l-istess intimati jgħidu li ladarba r-rikorrent donnu qiegħed jattakka disposizzjonijiet tal-liġi senjatament l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta), l-ilment kellu jiġi indirizzat biss kontra l-Avukat Ġenerali. Hija aċċettata l-ġurisprudenza illi fil-każ ta' impunjazzjoni ta' liġijiet il-leġittimu kontradittur huwa l-Avukat Ġenerali (Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 2000, George Xuereb vs Reġistratur tal-Qorti et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Diċembru 2004 u Anthony Aquilina vs Repubblika ta' Malta et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-24 ta' Ġunju 2011).

Illi b'żieda ma dan, l-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 imsemmi jispeċifika li:

> "*L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern*."

Illi f'dan is-sens il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Sean Bradshaw et vs L-Avukat Ġenerali et tas-6 ta' Frar 2015 fejn ingħad hekk:

> "*Rigward il-meritu tal-aggravju din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża [53/2009] Alfred Spiteri et v.*

*Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et, fejn din il-Qorti osservat li l-imsemmi Artikolu 181B, magħmul proprju sabiex jirregola r-rappreżentanza tal-gvern fl-atti ġudizzjarji, jistipula b'mod ċar li r-rappreżentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment konċernat kif ukoll, f'ċertu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-każijiet li ma jaqgħux taħt l-ewwel sub-inċiż, allura r-rappreżentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Ġenerali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-liġi riedet li f'ċertu każijiet bħal dawk in diżamina kellu jitħarrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tgħidu - quod lex voluit lex dixit*."

Illi għaldaqstant il-Prim Ministru ma kellux għalfejn jiddaħħal fil-kawża billi l-kawża saret kontra l-Avukat Ġenerali a tenur tal-Artikolu 181B msemmi u konsegwentement il-Qorti tiddikjara li l-Prim Ministru mhuwiex il-leġittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna.

Illi fil-mertu, jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jilmenta minn ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan in kwantu li huwa jgħid illi m'għandux prospett ta' ħelsien u li ma teżistix sistema ta' reviżjoni ta' piena fejn il-piena tkun dik ta' għomor il-ħabs.

Illi il-fatti rilevanti huma dawn. Permezz ta' sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Frar 1992 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Mosbah Mohsen Ben Brahim u Ben Ali Wahid Ben Hassine ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs wara li huwa ammetta l-akkużi miġjuba kontrih. L-aktar akkużi serji miġjuba kontra r-rikorrent u li għalihom ġie kkundannat għall-għomru l-ħabs kienu l-omiċidju volontarju ta' erba' persuni.

L-artikolu 211 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:

"*Kull min jinsab ħati ta' omiċidju volontarju jeħel piena ta' priġunerija għal għomru*."

Jirriżulta wkoll illi l-Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni lilha mogħtija skont l-artikolu 493 tal-Kap. 9 u permezz ta' ittra datata 21 ta'

Frar 1992 (fol. 24 tal-proċess), l-imħallef sedenti rrakkomanda lill-Prim Ministru illi:

> "*fil-każ tal-akkużat Ben Ali Ben Hassine, il-perjodu minimu li għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs għandu jkun ta' mhux inqas minn tnejn u għoxrin sena*."

Illi l-artikolu 493 tal-Kap. 9 jipprovdi li:

> "*Wara li tikkundanna persuna għall-piena ta' priġunerija għall-għomor, il-qorti tista' tirrakkomanda bil-miktub lill-Prim Ministru fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa l-inqas żmien li fil-fehma tagħha għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs. Din ir-rakkomandazzjoni tkun tista' taraha l-persuna li tkun ġiet ikkundannata, u kopja tagħha tinżamm mir-reġistratur*."

Illi l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdu li ebda persuna ma għandha tiġi assoġġettata għal tortura jew għal piena jew trattament inuman jew degradanti. Dawn l-artikoli jittrattaw tipi differenti ta' imġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severità wieħed ikbar mill-ieħor. L-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi t-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament dejjem u f'kull każ tammonta tal-inqas għal trattament inuman u degradanti (Alfred Degiorgio et vs Avukat Ġenerali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April 2013).

Illi l-prinċipji applikabbli f'każijiet ta' din ix-xorta ġia ġew identifikati fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Alfred Degiorgio et vs Avukat Ġenerali et imsemmija:

> *"Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jeħtieġ illi dak it-trattament jilħaq minimu ta' severità li l-apprezzament tiegħu huwa neċessarjament wieħed relattiv u jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, bħan-natura tat-trattament, il-kuntest tiegħu, il-mod ta'*

*esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fiżiki u morali, u f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jkunu wkoll relevanti s-sess, età u stat ta' saħħa tal-vittma. B'danakollu, is-sofferenza u l-umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-artikolu 3 imsemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma xi forma partikolari ta' trattament leġittimu jew piena. Miżuri li jneħħu l-libertà tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bħal dawk imsemmija iżda, minkejja dan, il-modalità tal-esekuzzjoni ta' miżura leġittima ma għandiex tassoġġetta lill-persuna għal tbatija ta' intensità tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il-miżura.*

*Trattament jitqies inuman meta tal-inqas jikkaġuna lill-persuna sofferenza fiżika jew psikika intensa anki jekk mingħajr ma jikkaġuna xi feriti jew offiżi fuq il-ġisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża, angoxxja u sens ta' inferjorità li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Dak li umbagħad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensità akbar tas-sofferenza li tiġi inflitta fit-tortura karatteriżżata b'għemil deliberat li jikkaġuna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minn barra l-element tal-grad sever tas-sofferenza ikkaġunata, element ieħor li ġie identifikat bħala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t-tortura tiġi inflitta bil-għan li jintlaħaq għan preċiż bħal li tiġi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizża jew tintimda lil xi ħadd."*

Illi kif josserva Facett f'paġna 42 tal-ktieb tiegħu *The Application of the European Convention on Human Rights* (Edizzjoni 1987):

"*Inhuman treatment would then be the deliberate infliction of phyiscal or mental pain or suffering against the will of the victim and, when forming part of criminal punishment, out of proportion to the offence.*"

Illi fil-sentenza tagħha fl-ismijiet Peers vs Greece, deċiża fid-19 ta' April 2001, il-Qorti ta' Strasbourg qalet hekk:

> *"The Court recalls that, according to its case-law, ill-treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum level of severity is relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental affects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim (see, among other authorities, Ireland v. The United Kingdom, judgement of the 18 January 1978, Series A no. 25, p. 65, 162). Furthermore, in considering whether a treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see Ranninen v. Finland, judgement of 16 December 1997, Reports of Judgements and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, 55)."*

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti Ewropea u dik lokali illi sabiex piena titqies inumana jew degradanti, is-sofferenza u l-umiljazzjoni li ġġib tkun bil-bosta akbar mis-sofferenza u umiljazzjoni li huma konsegwenza naturali ta' piena leġittima.

Illi l-partijiet għamlu fis-sottomissjonijiet tagħhom riferenza estensiva għall-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strassbourg senjatament il-każ ta' Winter and Others v. the United Kingdom. L-intimati jagħmlu riferenza wkoll għall-każ ta' Kafkaris v. Cyprus kif ukoll Hutchinson v. the United Kingdom.

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tanalizża dawn il-każijiet rilevanti għall-proċeduri odjerni.

Illi fil-każ ta' Kafkaris v. Cyprus (2008), il-Qorti kkonfermat illi piena ta' għomor il-ħabs mhijiex innifisha inkompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Iżda ġie rikonoxxut u dan b'riferenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea stess, illi fejn

piena ta' għomor il-ħabs tinsab li hija irreduċibbli, jista' jaghti l-każ illi tqum kwistjoni ta' inkompatibbiltà mal-artikolu 3.

> "*In determining whether a life sentence in a given case can be regarded as irreducible, the Court has sought to ascertain whether a life prisoner can be said to have any prospect of release. An analysis of the Court's case-law on the subject discloses that where national law affords the possibility of review of a life sentence, with a view to its commutation, remission, termination or the conditional release of the prisoner, this will be sufficient to satisfy Article 3. The Court has held, for instance, in a number of cases that, where detention was subject to review of the purpose of parole after the expiry of the minimum term for serving the life sentence, it could not be said that the life prisoners in question had been deprived of any hope of release (see, for example, Stanford, cited above; Hill v the United Kingdom (dec.) no. 19365/02, 18 March 2003; and Wynne, cited above). The Court has found that this is the case even in the absence of a minimum term of unconditional imprisonment and even when the possibility of parole for prisoners serving a life sentence is limited (see, for example, Einhorn, cited above, § § 27-28). It follows that a life sentence does not become "irreducable" by the mere fact that in practice it may be served in full. It is enough for the purpose of Article 3 that a life sentence is de jure and de facto reducible.*"[2]

Illi applikati dawn il-prinċipji ġenerali fil-każ illi kellha quddiemha l-Qorti, intqal hekk:

> "*Furthermore, it observes that Cypriot law does not provide for a minimum term for serving a life sentence or for the possibility of its remission on the basis of good conduct and industry. However, the adjustment of such a sentence is possible at any stage irrespective of the time served in prison. In particular, under Article 53 § 4 of the Constitution as it has been applied since 1963, the President of the Republic, on the recommendation of the*

[2] Para. 98

*Attorney-General, may suspend, remit or commute any sentence passed by a court (see paragraphs 36-37 above). The President can therefore at any point in time commute a life sentence to another one of a shorter duration and then remit it, affording the possibility of immediate release. Morever, section 14 of the Prison Law of 1996 provides for the conditional release of prisoners, including life prisoners (see paragraph 59 above). In line with this provision, subject to the privisions of the Constitution, the President with the agreement of the Attorney-General, can order by decree the conditional release of a prisoner at any time*."[3]

Illi l-Qorti Ewropea kompliet billi rrikonoxxiet illi minkejja li l-prospett ta' rilaxx għall-persuni li qiegħdin jiskontaw piena ta' għomorhom il-ħabs huwa limitat taħt il-liġi Ċiprijotta, ma jistax jingħad illi piena ta' għomor il-ħabs hija irreduċibbli b'mod illi ma hemm ebda prospett ta' rilaxx. Għaldaqstant, instab illi ma seħħet ebda leżjoni tad-dritt fundamentali tal-applikant kif sanċit mill-artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

Illi fil-każ ta' Winter and Others v. the United Kingdom (2013) jirriżulta li l-Qorti Ewropea kienet sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti senjatament dak protett bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni in kwantu li rriżulta li s-sistema Ingliża kienet tipprovdi għal sistema limitata ħafna ta' reviżjoni u rilaxx ta' persuna li tkun qiegħda tiskonta piena ta' għomorha l-ħabs. Il-Qorti Ewropea sabet ukoll illi l-emendi li kienu seħħew fil-liġi Ingliża kienu jfissru li ma kienx ċar jekk priġunier setgħax jiġi biss rilaxxat '*on compassionate grounds*' li kienu limitati ħafna, senjatament meta l-priġunier ikun marid b'marda terminali jew afflitt b'inkapaċita fiżika li kienet tfisser biss illi l-priġunier seta' jitlob li ma jmutx il-ħabs. Filfatt, il-Qorti sabet illi:

"*The reading of section 30 ensuring some prospects under the law for release of whole life prisonors, would, in principle, be consistent with this Court's judgment in Kafkaris, cited above. If it could be established that, in the applicants' cases, a sufficient degree of certainty existed as to the state of the applicable domestic law to this effect, it*

[3] Para. 102

*could not be said that their sentences were irreducible and thus no violation of Article 3 would be disclosed*."[4] Għaldaqstant il-Qorti kkonkludiet illi '*given the present lack of clarity as to the state of the applicable domestic law as far as whole life prisoners are concerned, the Court is unable to accept the Government's submission that section 30 of the 1997 Act can be taken as providing the applicants with an appropriate and adequate avenue of redress, should they ever seek to demonstrate that their continued imprisonment was no longer justified on legitimate penological grounds and thus contrary to Article 3 of the Convention*."[5]

Illi l-intimati jagħmlu riferenza wkoll għall-każ ta' Hutchinson v. the United Kingdom (li pero ġie riferut lill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea fl-1 ta' Ġunju 2015 u għaldaqstant mhuwiex finali). F'dan il-każ, fejn iċ-ċirkostanzi kienu kważi identiċi għall-każ ta' Winter and Others, il-Qorti sabet illi ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijet fundamentali tal-applikant kif sanċiti bl-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. B'riferenza għall-każ ta' Winter and Others, il-Qorti f'dan il-każ osservat illi ġew stabbilit is-segwenti prinċipji relatati ma pieni ta' għomor il-ħabs:

(a) Fil-kuntest ta' piena ta' għomor il-ħabs, l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens illi tali piena għandha tkun reduċibbli b'dan illi għandu jkun hemm il-possibiltà ta' reviżjoni tal-piena fejn jirriżulta li l-priġunier huwa rijibilitat tant illi d-detenzjoni kontinwa tiegħu ma tibqax ġustifikata;
(b) Għandha sseħħ din ir-reviżjoni mhux aktar minn 25 sena wara li tkun ingħatat il-piena ta' għomor il-ħabs;
(c) Fejn il-liġi domestika ma tiprovdix għal din ir-reviżjoni, piena ta' għomor il-ħabs mhijiex kompatibbli mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;
(d) Priġunier illi jkun qiegħed jiskonta piena ta' għomru l-ħabs mgħandux jistenna żmien indeterminat qabel ikun jista' jilmenta li l-kundizzjonijiet marbuta mal-piena mhumiex konformi mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u fejn si tratta

---
[4] Para. 125
[5] Para. 129

piena ta' għomor il-ħabs mhux reduċibbli, huwa kapriċċuż illi wieħed jistenna li priġunier ser ikun riformat mingħajr ma jkun jaf jekk xi darba jistax jiġi kkunsidrat sabiex jiġi rilaxxat. Priġunier li qiegħed jiskonta piena ta' għomru l-ħabs għandu jkun infurmat, fil-bidu tal-piena li jkun ser jiskonta, xi jrid jagħmel sabiex jiġi kkunsidrat għar-rilaxx u taħt liema kundizzjonijiet, inkluż meta tista' sseħħ reviżjoni tal-piena li jkun ser jiskonta. Konsegwentament, fejn il-liġi domestika ma tipprovdix għal possibilità ta' reviżjoni ta' piena ta' għomor il-ħabs, l-inkompatibilità mal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni sseħħ mal-mument illi jiġi kkundannat għal dik il-piena u mhux waqt illi jkun qiegħed jiskonta s-sentenza.

Illi f'dan il-każ, il-Qorti sabet illi ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikant in kwantu li il-Qrati Ingliżi kienu kjarifikaw il-pożizzjoni legali tal-proċedura dwar kif tista' ssir reviżjoni ta' piena ta' għomor il-ħabs.

Illi meħudin dawn il-prinċipji għal każ illi għandha quddiemha l-Qorti llum, jiġi osservat illi l-pożizzjoni nostrana tixbah dik ta' Ċipru kif ġie spjegat fil-każ ta' Kafkaris surriferit.

Illi artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:

*(1) Il-President ikollu s-setgħa li –*
*(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;*
*(b) jagħti lil xi persuna sospensjoni, sew indefinita jew għal perijodu speċifikat, dwar l-esekuzzjoni ta' xi kundanna mogħtija lil dik il-persuna għal xi reat;*
*(ċ) jissostitwixxi forma ta' piena anqas ħarxa minflok xi piena imposta fuq xi persuna għal xi reat; jew*
*(d) jaħfer fl-intier tagħha jew f'parti minnha kull kundanna mogħtija lil xi persuna għal reat jew għal xi penali jew konfiska li xort'oħra tkun dovuta lill-Istat minħabba f'xi reat.*

Illi l-hekk imsejħa prerogattiva ta' maħfra tista' tiġi mogħtija mill-President tar-Repubblika u dan skont il-parir tal-Kabinett

jew Ministru li jaġixxi skont l-awtorità ġenerali tal-Kabinett (artikolu 85 tal-Kostituzzjoni). Ma nġibet ebda prova fil-każ odjern illi r-rikorrent għamel talba għal reduzzjoni jew revżjoni tal-piena li qiegħed jiskonta, kif għandu dritt illi jagħmel skont l-artikolu tal-Kostituzzjoni msemmi.

Illi b'żieda ma dan u kif diġa intqal aktar 'l fuq, jirriżulta li l-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha fil-konfront tar-rikorrent, eżerċitat id-diskrezzjoni lilha mogħtija skont l-artikolu 493 tal-Kap. 9 u permezz ta' ittra datata 21 ta' Frar 1992 (fol. 24 tal-proċess), l-imħallef sedenti rrakkomanda lill-Prim Ministru illi:

> "*fil-każ tal-akkużat Ben Ali Ben Hassine, il-perjodu minimu li għandu jgħaddi qabel ma l-priġunier jiġi meħlus mill-ħabs għandu jkun ta' mhux inqas minn tnejn u għoxrin sena*."

Illi fis-sottomossjonijiet tagħhom, l-intimati jagħmlu riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Andy Calleja, deċiza fid-9 ta' Ġunju 2005 fejn il-Qorti qalet hekk:

> "*Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tifhem li l-appellant jista' verament, maż-żmien, jirriforma ruħhu u għandu jkollu l-possibilità li xi darba – dment dejjem li juri li ma huwiex aktar ta' perikolu għas-soċjetà – jerġa jidħol fis-soċjetà. Però hawn qed nitkellmu dwar xi ħaġa li tista' tavvera ruħha fil-futur daqs kemm tista' ma tavverax ruħha, u għalhekk għandha titħalla biex tiġi regolata bil-prerogattiva tal-maħfra tal-President. Biex, però, jiġi faċilitat, jekk ikun il-każ, l-eżerċizzju ta' tali prerogattiva, din il-Qorti sejra tipproċedi skond l-Artikoli 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali*."

Illi wara li kkunsidrat il-prinċipji enunċjati fid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea suċitati kif ukoll dawk tal-Qrati Tagħna, il-Qorti hija tal-fehma illi ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fil-każ odjern. Jibda biex jingħad illi ma ġiex muri kif is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-21 ta' Frar 1992 tivvjolja d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Ir-rikorrent ġie kkundannat għal għomru l-ħabs wara li ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, senjatament l-omiċidju volontarju ta' erbgħa persuni u għaldaqstant, din il-Qorti ma

ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza tal-Qorti Kriminali imsemmija. F'dan is-sens terġa ssir riferenza għall-każ ta' Winter and Others suċitat fejn intqal hekk:

> *"Contracting states must also remain free to impose life sentences on adult offenders for especially serious crimes such as murder: the imposition of such a sentence on an adult offender is not in itself prohibited or incompatible with Article 3 or any other Article of the Convention."*

Illi fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' possibiltà ta' reviżjoni tal-piena ta' għomor il-ħabs, kif sabet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Kafkaris imsemmi, mhuwiex minnu li l-piena ta' għomor il-ħabs kif applikata f'pajjiżna tmur kontra l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew kontra l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni in kwantu li bħal każ ta' Kafkaris, ir-rikorrent dejjem kellu u għad għandu dritt illi jagħmel talba taħt l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni msemmi. Li qatt ma għamel din it-talba kienet deċiżjoni tiegħu u ma jistax jilmenta quddiem din il-Qorti li m'għandu ebda prospett illi jiġi rilaxxat anke jekk jiġi muri li rriforma ruħu. L-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni lanqas jiprovdi għall-żmien speċifikat meta tista' ssir din it-talba għall-maħfra jew reduzzjoni tal-piena b'mod illi kull persuna li tħoss illi hija ġustifikata t-talba tagħha tista' tagħmilha fi kwalunkwe żmien illi tkun qiegħda tiskonta s-sentenza. B'żieda ma dan, hija stabbilita fil-ġurisprudenza tal-Qrati Kriminali tagħna li f'każijiet illi l-Qorti tħoss illi hemm il-possibilità li l-persuna kkundannata tkun irriformat ruħha fil-futur, l-istess Qorti tista' tapplika l-provedimenti tal-artikolu 493 u 494 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jiffaċilita l-possibiltà ta' rilaxx fil-futur. Hekk fil-fatt ġara fil-każ odjern.

Illi l-fatt illi għaddew in-numru minimu ta' snin hekk rakkomandati mill-Qorti illi r-rikorrent għandu jagħmel inkarċerat ma jfissirx illi huwa għandu dritt awtomatiku li jiġi rilaxxat. Fi kwalunkwe kaz, ma ġiex muri mir-rikorrent illi abbażi tal-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni meħud mar-rakkomandazzjoni li saret skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali, huwa xorta waħda m'għandux dritt illi tiġi rikunsidrata u riveduta l-piena li huwa qiegħed jiskonta.

Fil-każ ta' Winter and Others suċitat, jirriżulta li l-Qorti Ewropea

waslet għall-konklużjoni li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-applikanti in kwantu li l-liġi Ingliża ma kinitx ċara dwar l-applikazzjoni tad-dritt ta' reviżjoni ta' piena ta' għomor il-ħabs kif ukoll minħabba l-fatt illi donnu l-liġi Ingliża kienet tippermetti rilaxx biss f'każ illi l-applikant kien qiegħed imut b'marda terminali jew ikun aflitt minn xi inkapaċita fiżika u għaldaqstant, jekk jiġi muri li ma jkunx ta' periklu għas-soċjetà, fost kundizzjonijiet oħra, seta' jitlob biss illi ma jmutx il-ħabs. Dan ix-xenarju huwa differenti minn dak li nsibu fis-sistema tagħna fejn il-President mhux marbut b'dawn il-kundizzjonijiet restrittivi. B'żieda ma dan u kif tagħmilha ċara fid-deċiżjonijiet tagħha il-Qorti Ewropea, il-fatt illi applikant għandu dritt jitlob li l-piena ta' għomor il-ħabs illi huwa jkun qiegħed jiskonta tiġi riveduta ma jfissirx illi din it-talba ser tintlaqa' awtomatikament. Dan anke jekk jgħaddi żmien rakkomandat skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu iservi proprju sabiex tiġi faċilitata talba skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni.

Illi finalment, kif qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Winter and Others suċitat:

> "*It is well-established in the Court's case-law that a State's choice of a specific criminal justice system, including sentence review and release arrangements, is in principle outside the scope of the supervision the Court carries out at a European level, provided that the system does not contravene the principles set forth in the convention.*"[6]

In kwantu li ġie muri li fis-sistema legali nostrana teżisti l-possibilta` li piena ta' għomor il-ħabs tiġi riveduta skont il-provedimenti ta' artikolu 93 tal-Kostituzzjoni kif ingħad, il-Qorti ssib li ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem in kwantu li ma jirriżultax illi l-piena li qiegħed jiskonta r-rikorrent tammonta għall-piena inumana jew degradanti.

---

[6] Para. 104

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati;

Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent billi tiddikjara li ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.

IMHALLEF

DEP/REG